MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 163/2004

Kawza fil-lista: 44

**A B**
**Vs**
**Dottor Anthony Cutajar u l-P.L. Veronica Rossignaud nominati f' digriet tal-24 ta' Gunju 2004 Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-kontendenti izzewgu fit-23 ta' Lulju 2000 f'Jakarta l-Indonesja, liema zwieg gie registrat Malta, (Att taz-Zwieg Nru. 2159/2000) skond l-anness dokument immarkat bhala MC1;

Premess illi l-kunsens ta’ l-attur ghaz-zwieg imsemmmi inkiseb b’qerq dwar kwalita’ tal-konvenuta li mhix xorta fixklet serjament il-hajja mizzewga kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi l-kunsens tal-konvenuta ghaz-zwieg imsemmi kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha li, kif ukoll kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha impossibli ghall-istess konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Premess illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Premess illi ghalhekk z-zwieg bejn il-kontendenti kien null u invalidu fil-ligi;

Ghaldaqstant, tghid il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti nhar it-23 ta’ Lulju 2000 huwa null u bla effett ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi, u dan a tenur ta’ l-Artikolu 19(1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta b’mod generali, u b’mod partikolari a tenur tal-provvedimenti tal-paragrafi (c), (d), (f) tal-istess Artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati li biha eccepew li f’ dak l-istadju ma kienux edotti mill-fatti tal-kawza billi sa dak iz-zmien l-assenti ma kienitx ghadha kkomunikat maghhom;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu mal-konvenuta celebrat f’ Jakarta fit-23 ta’ Lulju 200 u registrat Malta kif jirrizulta mill-Att taz-Zwieg 2159/2000, huwa null fil-ligi, in bazi ghal dak kontemplat fil-paragrafu [b],[d] u [f] tal-Artikolu 19[1] tal-Kap.255

Illi l-Qorti semghet lill-attur jiddeponi u taghtih affidament.

Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. F’ Awissu tas-sena 1997 l-attur, li f’dak iz-zmien kien mal-familja tieghu vakanza fl-Indonesja, iltaqa’ mal-konvenuta, u sussegwentement meta gie lura Malta dawna baqghu f’ kuntatt flimkien permezz tat-telefon. F’ wahda minn dawn il-konversazzjonijiet telefonici, il-partijiet iddecidew li jizzewgu, u skond l-attur dan kien ghamilha cara mill-bidu li huma kellhom jghixu u jistabbilixxu d-dar matrimonjali taghhom f’ Malta. Il-konvenuta accettat, u di segwitu f’ Gunju tas-sena 1999 kienet giet vakanza f’ Malta flimkien ma’ ohtha sabiex tiffamiljarizza mal-post. Jidher li f’ dak iz-zmien il-konvenuta ma sabet ebda problema li tghix f’ Malta, u fil-fatt dawn izzewgu fit-23 Lulju 2000 fl-Indonesia u hekk fi zzewgu l-koppja gew Malta sabiex jghixu hawn. Huma bdew jghixu fid-dar tal-genituri ta’ l-attur.

Wara xaharejn mid-data taz-zwieg il-konvenuta harget tqila, u bdew il-problemi bejn il-kopja stante li l-konvenuta riedet tirritorna lura f’ pajjizha. Minhabba f’ hekk il-partijiet kienu jillitigaw ta’ spiss, u fl-ahhar l-attur accetta li jiehu lill-konvneuta vakanza fl-indonesia bit-tifla sabiex din izzur lill-familjari taghha; izda meta waslet f’ pajjizha l-konvenuta rrifjutat li titlaq minn hemm, bir-rizultat li, wara hafna problemi li l-attur kellu jiffaccja mal-familjari taghha, huwa gie lura Malta wahdu. Jirrizulta li sallum il-

konvneuta baqghet l-Indonesia bit-tifla u qed tirrifjuta li tigi lura.

F' dan il-kwadru tal-fatti l-Qorti tirravvisa l-ezistenza tal-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] tal-Artikolu precitat, stante li jirrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens taghha l-konvenuta kienet eskludiet b' att posittiv tal-volonta' taghha id-dmir taghha tal-konvivenza matrimonjali mal-attur. Dan jinsab evidenzjat mill-fatt li ftit xhur wara z-zwieg il-konvenuta biddlet l-atteggjament taghha fil-konfront tal-konvenut, u bdiet tinsisti li tirritorna lura f' pajjizha, nonostante li l-kopja kienu ftehmu li wara z-zwieg jibqghu jghixu Malta. Is-sitwazzjoni bejn il-partijiet ipprecipitat meta l-konvenuta marret f' pajjizha u baqghet hemm u rrifjutat li tirritorna Malta biex tikkoabita ma' l-attur u tghix mieghu l-hajja mizzewga.

Kif osservat din il-Qorti fil-kawza *PA Brigitte Veneziano Broccia vs Avk.Dr.Joseph Sammut noe deciza 9.12.2002*, is-simulazzjoni tiehu l-forma ta' dak li fid-duttrina civili hu deskritt bhala *colorem habens substantiam vero nullam* li b' konsegwenza jirrendi l-kuntratt bhala interament fittizju. Jkun hemm simulazzjoni f' kuntratt taz-zwieg meta fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew it-tnejn, esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b' att pozittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg [simulazzjoni totali] jew tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg [simulazzjoni parzjali] *[PA Muscat vs Borg Grech – 14.08.1995; Alfred Tonna vs Maria Tonna – 31.01.1996]*

Jigi osservat ukoll li fil-gurisprudenza jinsab assodat li l-element li jikkostitwixxu l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga huma dawk tal-unjoni, permanenti, esklussiva u irrevokabbli diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Huwa stabbilit li l-elementi essenzjali ghaz-zwieg huma l-unjoni permanenti bejn ragel wiehed u mara wahda *[bonus fidei]* bazata fuq il-fini ta' prokreazzjoni u l-edukazzjoni ta' l-ulied *[bonus prolis*] u li ghandha bhala l-iskop ewlieni taghha il-komunjoni tal-hajja *[bonus vitae]*

Fil-kaz odjern jirrizulta car li l-konvenuta, ghalkemm eseternament ghaddiet minn cerimonja ta' zwieg u kienet accetta li tghix f' Malta ma' l-attur bhala zewgha, hija fil-mument tal-ghoti tal-kunsens taghha, eskludiet internament b' att pozittiva tal-volonta' l-element tal-konvivenza ossia l-hajja komuni bejniethom. Ghalhekk f' dan il-kaz jikkonfigura dak kontemplat fil-paragafu [f] tal-Artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Stabbilita l-esistenza tar-raguni ta' l-annullament taz-zwieg in bazi ghall-Artikolu fuq indikat, ikun esercizju inutili li jigu esaminati l-kawzalijiet bazati fuq il-paragrafi [c] u [d] tal-Artikolu precitat.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrci hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt in bazi ghall-Artikolu 19[1][f] tal-Kap.255 u ghalhekk timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fit-23 ta' Lulju 2000, u konsegwenzjalment tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg fuq indikat.

L-ispejjez jkunu a kariku tal-konvenuta; izda dawk relattivi ghall-Kuraturi Deputati ghandhom ikunu provvizorjament a kariku tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------